REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1334/2007

ta' l-14 ta' Novembru 2007

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1749/96 dwar miżuri inizjali ta' implimentazzjoni għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 fir-rigward ta' indiċijiet armonizzati ta' prezzijiet tal-konsumatur

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 tat-23 ta' Ottubru 1995 dwar l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur [1], u b'mod partikulari t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 4 u l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew [2], kif mitlub skond l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 2494/95,

Billi:

(1) L-Indiċijiet Armonizzati tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (IAPK) huma ċifri armonizzati ta' inflazzjoni mitluba mill-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom skond l-Artikolu 121 tat-Trattat ta' l-KE. L-IAPK huma mfasslin biex jiffaċilitaw il-paraguni internazzjonali ta' l-inflazzjoni tal-prezzijiet għall-konsumatur. Huma jservu bħala indikaturi importanti għall-ġestjoni tal-politika monetarja.

(2) L-IAPK jikkostitwixxu qafas kunċettwali pjuttost sħiħ. Sar progress konsiderevoli fl-armonizzar ta' metodoloġiji minn mindu ġew adottati l-miżuri inizjali ta' implimentazzjoni, iżda jifdal ambitu ta' nuqqas ta' komparabilità fir-rigward ta' teħid ta' kampjuni, sostituzzjoni, aġġustament fil-kwalità u proċeduri ta' aggregazzjoni.

(3) Il-qafas attwali ta' l-IAPK jipprovdi definizzjoni ta' l-IAPK bħala indiċi tat-tip ta' Laspeyres marbut mas-saħħa dejjem tinbidel tal-flus sabiex jinkisbu oġġetti u servizzi bl-għanijiet li jissodisfaw direttament il-ħtiġijiet tal-konsumaturi. Din id-definizzjoni tirrifletti l-fehma attwali ta' inflazzjoni tal-konsumatur fl-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari ż-żona Ewropea.

(4) L-IAPK jirrelataw mal-prezzijiet tal-prodotti kollha mixtrija mill-konsumaturi, meta jfittxu li jżommu għaddejjin ix-xejriet ta' konsum, jiġifieri prodotti definiti minn kategoriji elementari tan-nefqa (piżijiet differenzjati). Dawn il-kategoriji jikkonsistu minn segmenti ta' konsum iddikjarati b'mod espliċitu li jistgħu jiġu distinti permezz ta' l-għan tal-konsum. Il-ġabra ta' l-offerti kollha tal-prodott fl-univers ta' l-istatistika tista' tinqasam sistematikament f'segmenti ta' konsum. Segmenti ta' konsum huma relattivament stabbli matul iż-żmien minkejja li l-offerti tal-prodotti li jinkludu segment ta' konsum se jinbidlu filwaqt li jevolvu s-swieq.

(5) Għalhekk il-kunċett ta' segmenti ta' konsum skond l-iskop huwa ċentrali għat-teħid ta' kampjuni u għat-tifsira ta' bidla tal-kwalità u aġġustament fil-kwalità. Minkejja dan, hemm ambigwità f'dan il-kunċett li għandha x'taqsam mal-livell ta' aggregazzjoni li fih hija definita u applikata.

(6) Il-firxa ta' offerti tal-prodott għandhom jinbidlu biżżmien hekk kif il-bejjiegħa u l-manifatturi ta' prodotti jadattaw u jissostitwixxu l-prodotti. L-IAPK jirrikjedu r-rappreżentazzjoni ta' l-offerti tal-prodotti attwalment disponibbli fi ħdan is-segmenti ta' konsum skond l-iskop magħżula fil-perjodu ta' referenza sabiex jitkejjel l-impatt li jħallu fuq l-inflazzjoni. Dan japplika partikolarment għal mudelli jew varjetajiet ġodda ta' prodotti li kienu diġà jeżistu.

(7) Għalhekk il-bidla fil-kwalità tirrelata mal-grad li fih il-prodotti disponibbli huma adattati sabiex iservu l-iskop tas-segment ta' konsum li jappartjenu għalih. Il-bidla fil-kwalità għandha tiġi vverifikata permezz ta' referenza għall-ispeċifikazzjoni ta' prodotti konkreti fi ħdan segment ta' konsum.

(8) Sabiex dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati, numru ta' kjarifiki u emendi għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1749/96 tad-9 ta' Settembru 1996 dwar miżuri inizjali ta' implimentazzjoni għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 dwar indiċijiet armonizzati ta' prezzijiet tal-konsumatur [3] huma meħtieġa sabiex jiżguraw il-komparabilità ta' l-IAPK u jippreservaw l-affidabilità u r-relevanza tagħhom skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2494/95.

[1] ĠU L 257, 27.10.1995, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

[2] Opinjoni mogħtija fil-5.10.2007 (ĠU C 248, 23.10.2007, p. 1).

[3] ĠU L 229, 10.9.1996, p. 3. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1708/2005 (ĠU L 274, 20.10.2005, p. 9).

(9) Għalhekk jeħtieġ li jiġu speċifikati b'mod ulterjuri l-iskopijiet u d-definizzjoni ta' l-IAPK, sabiex jiġi ċċarat fejn dawn jiddeterminaw il-prattiċi konkreti ta' teħid ta' kampjuni, sostituzzjoni, u aġġustament fil-kwalità, u sabiex tiġi stabbilita r-rappreżentazzjoni mitluba ta' l-IAPK u l-forma tagħha, u sabiex jiġu stabbiliti standards minimi ulterjuri fir-rigward tat-teħid ta' kampjuni, sostituzzjoni, aġġustament fil-kwalità u proċeduri ta' aggregazzjoni.

(10) B'mod partikolari, jeħtieġ li tiġi stabbilita mira statistika ċara għall-iskopijiet ta' teħid ta' kampjuni, sostituzzjoni u aġġustament fil-kwalità u jiġi żgurat li l-miżuri ta' l-IAPK jilħqu l-għan, bi grad raġonevolment żgħir ta' inċertezza jew żball mil-lat ta' parżjalità u inkonsistenza. Trid titqies it-tendenza ta' oppożizzjoni bejn l-imparżjalità u l-preċiżjoni.

(11) Bil-ħsieb li jispeċifika b'mod ulterjuri l-univers ta' referenza ta' l-IAPK u jsolvi l-kwistjoni tal-"permanenza" tal-qoffa ta' l-IAPK, il-kunċett ta' "segmenti ta' konsum skond l-iskop" joffri soluzzjoni fattibbli minħabba li jista' jiżviluppa l-permanenza meħtieġa f'indiċi tat-tip ta' Laspeyres u jittrasforma l-kunċett f'wieħed sinifikanti f'dinja ta' swieq li qed jevolvu.

(12) Jeħtieġ li jiġi żgurat li s-segmenti ta' konsum fil-perjodu ta' referenza jingħażlu sabiex jirrappreżentaw il-kompartament kollu ta' l-univers tat-tranżazzjonijiet u li s-sostituzzjonijiet jippreżervaw ir-rappreżentazzjoni ta' offerti attwali ta' prodotti fi ħdan is-segmenti ta' konsum li diġà huma rappreżentati fl-IAPK. Ir-rappreżentazzjoni tan-nefqa domestika monetarja finali skond l-iskop tal-konsum għandha tirrifletti n-natura dinamika tas-swieq li qed jevolvu.

(13) Għandu jiġi żgurat li l-ġudizzji mill-Istati Membri dwar jekk hux qiegħda ssehħ bidla tal-kwalità jkunu bbażati fuq evidenza ta' differenzi fil-karatteristiċi li jiddeterminaw il-prezz li huma relevanti għall-iskopijiet imsemmija tal-konsumatur. Għal dan il-għan standards speċifiċi ta' aġġustament fil-kwalità għandhom jiġu żviluppati mill-Kummissjoni (l-Eurostat) fuq bażi ta' każ b'każ.

(14) Minbarra dan, jeħtieġ li titwessgħa d-definizzjoni ta' aggregati elementari u li jiġu armonizzati aktar il-prattiċi ta' aggregazzjoni u ta' sostituzzjoni fi ħdan aggregati elementari.

(15) Tqies il-prinċipju ta' effettività ta' l-ispejjeż skond l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 2494/95.

(16) Ir-Regolament (KE) Nru 1749/96 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(17) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm Statistiku, stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom [1],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1749/96 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'In-nefqa domestika monetarja finali tal-konsum' kif speċifikat fl-Anness 1b tfisser dik il-parti tan-nefqa finali ta' konsum li tiġġarrab mill-entitajiet domestiċi irrispettivament min-nazzjonalità jew l-istatus ta' residenza, fi tranżazzjonijiet monetarji, fit-territorju ekonomiku ta' l-Istat Membru, fuq oġġetti u servizzi li jintużaw għas-sodisfazzjoni dirett ta' ħtiġijiet u xewqat individwali, u f'wieħed mill-perjodi ta' żmien li qed jitqabblu jew fit-tnejn li huma.

(2) 'Offerta tal-prodott' tfisser oġġett jew servizz speċifiku li jiġi offrut għal xiri fi prezz iddikjarat, f'ħanut speċifiku jew permezz ta' fornitur speċifiku, taħt termini speċifiċi ta' forniment, u għalhekk tiddefinixxi entità unika fi kwalunkwe waqt partikolari.

(3) Il-'kopertura' ta' l-IAPK, jiġifieri l-'univers ta' referenza' ta' l-istatistika li għandu jiġi rrappreżentat mill-IAPK, tfisser is-sett tat-tranżazzjonijiet kollha li jaqgħu fi ħdan l-ambitu ta' nefqa domestika monetarja finali tal-konsum.

(4) 'Segment ta' konsum skond l-iskop' jew 'segment ta' konsum' tfisser sett ta' tranżazzjonijiet marbuta ma' offerti ta' prodott meqjusa, abbażi ta' proprjetajiet komuni, li jservu skop komuni, fis-sens li huma:

— kkummerċjalizzati għal użu predominanti f'sitwazzjonijiet simili,

— fil-biċċa l-kbira jistgħu jiġu deskritti permezz ta' speċifikazzjoni komuni, u

— jistgħu jitqiesu mill-konsumaturi bħala ekwivalenti.

[1] ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.

(5) 'Oġġetti u servizzi riċentement sinifikanti' tfisser dawk l-oġġetti u servizzi li ma għandhomx il-bidliet tagħhom fil-prezzijiet speċifikament inklużi fl-IAPK ta' Stat Membru u li fuqhom in-nefqa stmata tal-konsumaturi saret talanqas parti waħda minn kull elf min-nefqa koperta minn dawk l-IAPK.

(6) 'Teħid ta' kampjuni' tfisser kwalukwe proċedura fil-kostruzzjoni ta' l-IAPK fejn jingħażel subsett ta' l-univers ta' offerti tal-prodott sabiex jistima l-bidla fil-prezz għas-segmenti tal-konsum koperti mill-IAPK.

(7) 'Kampjun immirat' tfisser sett ta' offerti tal-prodott fi ħdan is-segmenti tal-konsum li l-Istat Membru qed jippjana li josserva l-prezzijiet tiegħu sabiex tinkiseb rappreżentazzjoni attendibbli u komparabbli ta' l-univers ta' referenza ta' l-IAPK.

(8) 'Piżijiet differenzjati' li tintuża fl-aggregazzjonijiet ta' l-IAPK tfisser l-istimi xierqa ta' nefqiet relattivi dwar kwalunkwe subdiviżjoni ta' l-univers ta' referenza, skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2454/97 (*).

(9) 'Prezz osservat ' tfisser il-prezz attwalment ikkonfermat mill-Istati Membri.

(10) 'L-offerta tal-prodott ta' sostituzzjoni' tfisser offerta tal-prodott bi prezz osservat li tissostitwixxi offerta tal-prodott fil-kampjun immirat.

(11) 'Prezz tas-sostitut' tfisser il-prezz osservat għal offerta tal-prodott ta' sostituzzjoni.

(12) 'Prezz stmat' tfisser prezz li hu sostitwit għal prezz osservat u li huwa bbażat fuq proċedura xierqa ta' stima. Prezzijiet li kienu osservati qabel ma għandhomx jitqiesu bħala prezzijiet stmati jekk ma jistgħux jitqiesu bħala stimi xierqa.

(13) 'Grupp elementari tal-prodott' tfisser sett ta' offerti tal-prodott li jittiħdilhom kampjun sabiex jirrappreżenta segment wieħed jew aktar ta' konsum fl-IAPK.

(14) 'Aggregat elementari' tfisser grupp elementari tal-prodott stratifikat, pereżempju skond ir-reġjuni, l-ibliet jew it-tipi ta' ħwienet u għalhekk tirreferi għal-livell li fih prezzijiet osservati jidħlu fl-IAPK. Fejn gruppi elementari tal-prodott mhumiex stratifikati, it-termini 'grupp elementari tal-prodott' u 'aggregeat elementari' għandu jkollhom l-istess tifsira.

(15) 'Indiċi elementari ta' l-aggregat' tfisser indiċi tal-prezz għal aggregat elementari.

(16) 'Bidla fil-kwalità' tfisser li sostituzzjoni wasslet għal differenza sinifikanti fil-grad li fih l-offerta tal-prodott li qed isservi ta' sostituzzjoni sservi l-iskop tal-konsumatur tas-segment ta' konsum li tappartjeni għalih, kull darba li l-Istat Membru jiddetermina dan bħala minnu.

(17) 'Aġġustament fil-kwalità' tfisser il-proċedura li tħalli lok għal bidla osservata fil-kwalità billi żżid jew tnaqqas il-prezz attwali jew dak ta' referenza b'fattur jew b'ammont ekwivalenti għall-valur ta' dik il-bidla fil-kwalità.

(*) ĠU L 340, 11.12.1997, p. 24."

(2) Jiddaħħal l-Artikolu 2a li ġej:

"*Artikolu 2a*

Prinċipji

1. L-IAPK kkumpilati huma kampjun ta' statistika li għandhom jirrappreżentaw bidla fil-prezzijiet, bħala medja meħuda mill-univers ta' referenza, bejn ix-xahar ta' l-indiċi attwali u l-perjodu li qed jitqabbel miegħu.

2. Is-sett kollu tat-tranżazzjonijiet kollha fl-univers ta' referenza jista' jinqasam b'mod komprensiv f'subsetti li jikkorrispondu għall-offerti tal-prodott li għalihom jappartjenu dawn it-tranżazzjonijiet. Huma għandhom jiġu kklassifikati skond il-kategoriji u subkategoriji b'erba' ċifri mogħtija fl-Anness Ia, li joħorġu mill-klassifikazzjoni internazzjonli COICOP (*Classification of Individual Consumption by Purpose*) u għandhom ikunu magħrufa bħala COICOP/IAPK (klassifikazzjoni tal-konsum individwali skond l-iskop adattata għall-ħtiġijiet ta' l-IAPK).

3. L-IAPK għandu jinħadem billi tintuża l-formola li hija konsistenti mal-formola tat-tip ta' Laspeyres.

4. Segmenti tal-konsum għandhom jifformaw oġġetti fissi fil-qoffa ta' l-indiċi li għandha tkun segwita mill-IAPK.

5. Il-prezzijiet użati fl-IAPK għandhom ikunu l-prezzijiet tax-xiri, li huma l-prezzijiet imħallsa mill-unitajiet domestiċi sabiex jinxtraw oġġetti individwali u servizzi fi tranżazzjonijiet monetarji.

6. Fejn oġġetti u servizzi kienu disponibbli għall-konsumaturi mingħajr ħlas, u sussegwentement jiġi impost prezz konkret, il-bidla minn prezz ta' żero għall-prezz konkret, u viċe versa, għandha titqies fl-IAPK.

7. L-IAPK għandu jipprovdi miżura ta' bidla pura fil-prezzijiet, li mhijiex affetwata bil-bidla fil-kwalità. Għandu:

(a) jirrifletti l-bidla fil-prezz fuq il-bażi tan-nefqa mibdula fiż-żamma ta' mudelli ta' konsum ta' unitajiet domestiċi u l-kompożizzjoni tal-popolazzjoni ta' konsumaturi fuq il-perjodu bażi jew ta' referenza; u

(b) jinħadem billi jsiru aġġustamenti xierqa għal bidla osservata fil-kwalità. Aġġustamenti tal-kwalità għandhom iservu l-affidabilità, u b'mod partikolari r-rappreżentattività ta' l-IAPK bħala miżura ta' bidla pura tal-prezz.

8. Fir-rigward tal-bidla fil-kwalità, il-ġudizzju għandu jkun ibbażat fuq evidenza xierqa ta' differenza bejn l-ispeċifikazzjoni ta' l-offerta tal-prodott ta' sostituzzjoni u l-offerta tal-prodott li hija ssostitwiet fil-kampjun; jiġifieri, differenza fil-karatteristiċi sinifikanti ta' determinazzjoni tal-prezz ta' l-offerti tal-prodotti, bħalma huma l-marka, l-materjal jew l-għamla, li huma relevanti għall-iskop involut tal-konsumatur.

Bidla fil-kwalità ma tinqalax meta jkun hemm reviżjoni komprensiva annwali jew anqas frekwenti ta' kampjun ta' l-IAPK. L-inklużjoni tagħha għandha ssir billi jiġu stabbiliti l-ħoloq xierqa tal-katina. Ir-reviżjonijiet tal-kampjun ta' l-IAPK ma jneħħux il-ħtieġa ta' introduzzjoni ta' offerti tal-prodott ta' sostituzzjoni mingħajr dewmien bejn żewġ reviżjonijiet.

9. Ir-rappreżentazzjoni ta' grupp elementari ta' prodott jew aggregat elementari għandha tkun definita permezz tal-piż tan-nefqa assoċjat miegħu. Piżijiet oħra differenzjati jistgħu jintużaw fi ħdan aggregati elementari bil-kondizzjoni li r-rappreżentattività ta' l-indiċi tkun żgurata.

10. L-'affidabilità' għandha tiġi stmata skond 'il-preċiżjoni', li tirreferi għall-grad ta' żbalji fit-teħid ta' kampjuni u rappreżentattività' li tirreferi għan-nuqqas ta' preġudizzju."

(3) Fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 4 il-kliem l-Artikolu 2(b) għandhom jinbidlu bil-kliem l-Artikolu 2(5).

(4) L-Artikolu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

Standards minimi għal sostituzzjonijiet u għal aġġustament fil-kwalità

1. Metodi ta' aġġustament fil-kwalità għandhom jiġu vvalutati kif ġej:

(a) Metodi A: dawk li huma meqjusa li jagħtu l-aktar riżultati affidabbli, f'termini ta' preċiżjoni u preġudizzju;

(b) Metodi B: dawk li jistgħu jagħtu riżultati anqas preċiżi jew anqas rappreżentattivi mill-metodi A, iżda li xorta waħda jitqiesu bħala aċċettabbli. Metodi B għandhom jintużaw fil-każ li l-metodi A ma jkunux applikati; u

(c) Metodi C: il-metodi l-oħra kollha, li minn issa 'l quddiem mhumiex se jintużaw.

2. Standards li għandhom x'jaqsmu mal-valutazzjoni tal-metodi ta' l-aġġustament tal-kwalità għandhom jiġu żviluppati u għandhom jinħarġu mill-Kummissjoni (l-Eurostat) wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Programm Statistiku (KPS), wara strateġija ta' każ wara każ u b'konsiderazzjoni xierqa għall-aspetti ta' effettività ta' l-ispiża u l-kuntest li jiġu applikati fih.

Il-valutazzjoni tal-metodi ta' l-aġġustament tal-kwalità ma teskludix l-adozzjoni tal-miżuri ta' l-implimentazzjoni dwar dan is-suġġett skond l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 2494/95.

3. Metodi A u B għandhom jitqiesu bħala metodi xierqa ta' l-aġġustament tal-kwalità. Bosta IAPK li għalihom isiru aġġustamenti ta' kwalità xierqa għandhom jitqiesu li jkunu komparabbli. Fil-każ li l-fatturi kollha jibqgħu l-istess, il-metodi A għandhom jingħataw preferenza fuq il-metodi B.

4. Fin-nuqqas ta' stimi xierqa nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jużaw stimi bbażati fuq it-tagħrif mogħti mill-Kummissjoni (l-Eurostat) meta dan ikun disponibbli u rilevanti.

5. Fl-ebda każ ma għandu jiġri li bidla fil-kwalità tiġi stmata bħala entità sħiħa tad-differenza fil-prezz bejn żewġ offerti tal-prodott, sakemm din ma tistax tiġi ġġustifikata bħala stima xierqa.

6. Meta mhemm l-ebda stima disponibbli, bidliet fil-prezz għandhom ikunu stmati bħala d-differenza bejn il-prezz ta' sostituzzjoni u dak ta' l-offerta tal-prodott li ssostitwixxa.

7. Offerti tal-prodott ta' sostituzzjoni:

(a) għandhom ikunu jew 'essenzjalment ekwivalenti', jekk ma jkun hemm l-ebda bidla fil-kwalità li tiġi osservata bejn l-offerta tal-prodott ta' sostituzzjoni u dik li hija ssostitiwiet fil-kampjun, inkella 'ekwivalenti minħabba aġġustament tal-kwalità', jekk jinħtieġ aġġustament tal-kwalità għal bidla osservata fil-kwalità bejn l-offerta tal-prodott ta' sostituzzjoni u dik li hija ssostitwiet fil-kampjun;

(b) għandhom jintgħażlu mill-istess segmenti ta' konsum bħal dawk li ġew sostitwiti, sabiex tinżamm ir-rappreżentazzjoni tas-segmenti tal-konsum;

(c) ma għandhomx jingħażlu skond is-similarità fil-prezz. B'mod partikolari għandhom japplikaw fejn iridu jsiru sostituzzjonijiet wara li ġew offruti oġġetti jew servizzi bi prezzijiet imnaqqsa."

Artikolu 2

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Novembru 2007.

Għall-Kummissjoni
Joaquín ALMUNIA
Membru tal-Kummissjoni